

32003R1035

L 150/24

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

18.6.2003

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1035/2003****tas-17 ta' Ġunju 1985**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2316/1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1251/1999 li jistabbilixxi sistema ta' appoġġ għall-produtturi ta' ċerti wċuh tar-raba maħrut**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1251/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 li jistabbilixxi sistema ta' appoġġ għall-produtturi ta' ċerti wċuh tar-raba maħrut (<sup>1</sup>), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1038/2001 (<sup>2</sup>), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2316/1999 (<sup>3</sup>), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (K) Nru 335/2003 (<sup>4</sup>), jistabbilixxi regoli dettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament 1251/1999 rigward il-kondizzjonijiet sabiex jiġi konċessi l-pagamenti skond iż-żona għal-ċerti wċuh tar-taba maħrut u jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għal-ġerti wċuha.
- (2) Taħt il-politika Komunitarja sabiex titnejeb il-kwalità, l-eleġibbiltà tal-pretendenti tal-pagamenti skond iż-żona għal-lift u l-kolza hija limitata għal-dawk li wżaw iż-żerriegħa ta' kwalità għall-varjetajiet speċifiċi. Sabiex jiġi stabiliti l-varjetajiet eliġibbli, isir riferiment għall-katalgu komuni tal-varjetajiet ta' l-ispeċċi tal-pjanti agríkoli stabilit bid-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE (<sup>5</sup>). Għandu jiġi speċifikat il-limitu taż-żmien għall-elgħibbiltà ssoktata tal-varjetajiet imneħħija mill-katalgu komuni.
- (3) Jistgħu jiġu kunsidrati eliġibbli varjetajiet ġoddha ta' kittien imkabba għall-fibra. Dawn għandhom jiġu inklużi fil-lista tal-varjetajiet eliġibbli għas-sistema ta' appoġġ fl-Anness XII mar-Regolament (KE) Nru 2316/1999.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 2316/92 għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq.
- (5) Il-miżuri provdu f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-ġestjoni taċ-ċereali,

**Artikolu 1**

Ir-Regolament (KE) Nru 2316/1999 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

**1. L-Artikolu 4(1) jiġi mibdul b'dan li ġej:**

“1. L-Istati Membri għandhom japplikaw politika ta' kwalità rigward iż-żerriegħa tal-kolza u tal-lift billi jillimitaw iż-żoni eliġibbli għall-pagamenti skond iż-żona għal-dawk miżrughha biż-żerriegħha ċċertifikata tal-varjetajiet taż-żero doppju (00) taż-żerriegħa tal-kolza u tal-lift innotifikati u imdaħħla bħala ta' hekk fil-katalgu komuni tal-varjetajiet ta' l-ispeċċi tal-pjanti agríkoli stabilit bid-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE (<sup>6</sup>) qabel kull pagament. Meta varjetajiet titnejha mill-katalgu komuni, għandha tissokta tkun eliġibbli l-iktar tard sat-30 ta' Ġunju tat-tielet sena ta' wara dik li fiha kienet inkluża. Il-varjetajiet taż-żero doppju għandhom ikunu dawk li jipproċ-ċu żerriegħha b'kontenut massimu ta' glukosinolat ta' 25 µmol/g f'kontenut ta' umdità ta' 9 %, kif stabbilit bil-metodu ENISO 9167-1: 1995, u kontenut ta' aċidu eruċiku ta' mhux iktar minn 2 % tat-total tal-kontenut ta' l-aċidu xaħmi, kif stabbilit bil-metodu ENISO 5508: 1995.

(\*) ĠU L 193, tal-20.7.2002, p. 1.”

**2. Il-varjetajiet tal-kittien “Alizée” u “Drakkar” imkabba għall-fibra jiġi mdaħħla fil-punt 1 ta' l-Anness XII.****Artikolu 2**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-publikazzjoni tiegħi fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

L-Artikolu 1(2) għandu jibda jseħħi mis-sena tas-suq 2003/2004.

(<sup>1</sup>) ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 1.

(<sup>2</sup>) ĠU L 145, tal-31.5.2001, p. 16.

(<sup>3</sup>) ĠU L 280, tat-30.10.1999, p. 43.

(<sup>4</sup>) ĠU L 49, tat-22.2.2003, p. 3.

(<sup>5</sup>) ĠU L 193, tal-20.7.2002, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Ġunju 2003.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

---